MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 962/2010

**Glorianna Borg**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-24 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1) Illi l-esponenti Glorianna Borg, magħrufa bħala Glorianne Borg Axisa, twieldet fl-20 ta' April 1976 u ġiet reġistrata fir-Reġistru Pubbliku bl-isem ta' Glorianna, u dank if jidher mill-estratt veru mill-Att tat-twelid tagħha miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru elfejn erba' mija u erbgħa u għoxrin tas-sena elf disa' mija sitta u sebgħin (2424/1976), hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

2) Illi bi żvista isem l-esponenti ġie mniżżel fil-kolonna *"Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* fl-imsemmi Att ta' Twelid bħala "Glorianna", meta l-isem li riedu jagħtuha l-ġenituri tagħha kien dak ta' "Glorianne";

3) Illi mill-magħmudija sallum-il ġurnata, l-esponenti minn dejjem kienet imsejħa u magħrufa bħala "Glorianne" u mhux "Glorianna". L-esponenti hija magħrufa ukoll bl-isemm ta' "Glorianne" kemm fil-ħajja ta' kuljum, fil-ħajja professjonali kif ukoll dik akkademika;

4) Illi bħala fatt dan jidher ċar mid-diversi dokumenti hawn annessi ma' dan ir-rikors ġuramentat;

5) Illi *inoltre*, wara li l-esponenti żżewġet fl-1 ta' Ottubru 2000, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha hawn anness u mmarkat bħala Dok B, hija għażlet li tibda tuża kunjom żewġha kif ukoll kunjom xbubitha, u ċjoe' "Borg Axisa". Di fatti, għal dawn l-aħħar għaxar snin hija għamlet użu mill-kunjom Borg Axisa kemm fil-ħajja ta' kuljum kif ukoll fil-ħajja professjonali u akkademika tagħha;

6) Illi l-esponenti għalhekk hija magħrufa minn kulħadd b'dan il-kunjom, u dan kif jirriżulta mid-dokumenti hawn esebiti;

7) Illi dan hawn fuq premess, u ċjoe' l-fatt li l-esponenti hija magħrufa bl-isem ta' "Glorianne" u bil-kunjom "Borg Axisa" jirriżulta mill-affidavit tar-raġel tal-esponenti l-Perit Ruben Paul Borg (K.I. 226976M), mill-affidavit ta' missier l-esponenti Joseph Axisa (K.I. 733444M), u mill-affidavit tal-esponenti stess Glorianna Borg (K.I. Nru 242476M), hawn annessi u mmarkati bħala dokumenti 'C', 'D' u 'E' rispettivament;

8) Illi kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, din l-inkonsistenza fl-isem u fil-kunjom tal-esponenti seħħew biss minħabba żbalji li saru mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew impjegati tiegħu, u għalhekk l-

esponenti m'għandhiex tinkorri l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

9) Illi tali inkonsistenza qiegħda tikkawża diffikultajiet prattiċi lill-esponenti u għalhekk hija għandha interess skont il-liġi sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha kif ukoll fl-atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili;

10) Illi l-esponenti tiddikjara li taf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportun, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a) Tiddikjara li hemm il-ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn erba' mija u erbgħa u għoxrin tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (2424/1976), fis-sens illi isem u kunjom l-esponenti "Glorianna Axisa" jinbidel għal dak ta' "Glorianne Axisa" u dan peress illi l-esponenti ilha għal diversi snin magħrufa b'danl-isem u kunjom;

b) Konsegwentement tordna illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" l-isem u l-kunjom "Glorianna Axisa" jiġu kkanċellati u sostitwiti bl-isem u l-kunjom "Glorianne Axisa";

c) Tordna illi jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa sabiex fl-Att taż-Żwieġ tal-esponenti, li jġib in-numru 1719/2000, hija tiġi magħrufa bl-isem ta' "Glorianne" minflok dak ta' "Glorianna" u l-istess ċertifikat għandu jindika li l-esponenti kienet uriet ix-xewqa li tibqa' tuża kunjom xbubitha maż-żwieġ u mhux kif hemm indikat fl-istess ċertifikat li hija ma għażlitx li żżommm kunjom xbubitha maż-żwieġ. L-esponenti tkun b'hekk tista' tiġi ndikata bħala "Glorianne Borg Axisa" fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ odjern, bil-kunjom li fil-fatt hija xtaqet li tkun magħrufa bih.

d) Tordna, *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16, illi dan it-tibdil jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-esponenti, inkluż iċ-ċertifikati tat-twelid tat-tfal tagħha, b'dan illi fiċ-ċertifikat tat-tifel tagħha Gabriel Alexander Borg, li jġib in-numru 1402/2005, l-esponenti għandha tiġi ndikata bl-isem u l-kunjom ta' 'Glorianne Borg Axisa' minflok dak ta' 'Glorianna Borg Axisa' u fiċ-ċertifikat tat-twelid tat-tifla tagħha Rakela Emma Borg, li jġib in-numru 1498/2009, l-esponenti għandha tiġi ndikata bl-isem u l-kunjom ta' 'Glorianne Borg Axisa' minflok dak 'Glorianna Borg'.

Dan taħt dawk il-provediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun li timponi fiċ-ċirkostanzi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ppreżentata fit-21 ta' Ottubru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament huwa meħtieġa li tal-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll l-attriċi għandha tiddeċiedi jekk hijiex tipprospetta l-azzjoni tagħha fuq allegat żball imwettaq minn xi uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku fil-mument tal-kitba tal-att tat-twelid tagħha kif hekk qegħda ssostni fit-tieni u fit-tmien premessa tar-rikors ġuramentat tagħha, jew inkella jekk hijiex qegħda tressaq azzjoni ta' annotazzjoni fuq il-bażi li hija tul ħajjitha kienet imsejħa u magħrufa min-nies b'isem divers minn dak li hemm imniżżel fl-att tat-twelid tagħha u dan kif qed issostni mit-tielet sas-seba' premessa tar-rikors ġuramentat;

3. Illi mingħajr ħsara għas-suespost, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjonijiet maħlufa tal-attriċi u mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni

tal-Att tat-Twelid numru 2424 tas-sena 1976 (Dok DRP 1) kien effettivament twettaq xi żball jew saret xi ommissjoni da parti mill-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku. Infatti jekk wieħed iħares lejn il-kopja tal-att oriġinali tat-twelid *de quo* (Dok DRP 1) wieħed minnufih jista' jinnota li kien propju missier l-attriċi Joseph Axisa li bil-firma tiegħu wera l-kunsens tiegħu li l-informazzjoni li kien hemm kontenuta fl-att tat-twelid (inkluż l-isem) kienet waħda korretta. Għalhekk ġjaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skont id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi inkwantu l-attriċi qegħda titlob li fl-att tat-twelid tagħha tiġi mniżżla bil-kunjom "Borg Axisa" l-esponent iwieġeb li fl-ewwel lok l-Att tat-twelid oriġinali tal-attriċi ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi inserit il-kunjom tat-tarbija u fit-tieni lok huwa *jus receptum* li l-att tat-twelid huwa dokument intiż li jirreġistra fatt storiku u la dan huwa hekk *una volta* fil-mument tat-twelid tal-attriċi hija kienet għadha ma żżewwġitx isegwi li l-kunjom li assumiet fiż-żwieġ tagħha ċertament u loġikament ma jistax jitniżżel fl-att tat-twelid tagħha;

5. Illi dejjem bla ħsara għal prmess dwar it-tielet talba attriċi, dina wkoll ma tistax tiġi akkolta *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li l-attiċi ma speċifikatx in-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hi qegħda tagħmel riferenza għalihom;

6. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attiċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil da part ital-esponenti u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li qegħda tiġi nġunta in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2011 fejn wara li ġiet milqugħa t-talba għall-korrezzjoni u żieda fl-att promotur, u l-avukat tad-Direttur Reġistru Pubbliku rrimettiet tat ruħha b'notifikata bir-rikors kif korrett, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili kif ukoll l-Artikolu 92 (2) tal-Kodiċi Ċivili wkoll. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attriċi minn dejjem kienet magħrufa bl-isem "**Glorianne**". Ġara wkoll li l-attriċi kienet xtaqet iżżom kunjom xbubitha ma' dak ta' żewġha u għal xi raġuni dan ma ġiex rispekkjat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara (*eccetto* forsi għall-kwistjoni ta' kunjom l-attriċi wara ż-żwieġ tagħha) u ma allura għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi kif miżjuda u korretti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------